# Il-Ħolm Impossibbli ta' George Grognet de Vasse - Christian Attard

George Grognet de Vasse kellu personalita' kumplessa; kien bniedem mogħni b'tagħrif vast u profond f'bosta suġġetti, kellu għatx bla qies għal kull forma ta' għerf, imma fuq kollox kien għalliem, ħajtu kollha jgħarrex u joħlom ħolm impossibbli li, fuq kollox, ġieli anke rnexxielu jwettaq. U bħal protagonisti oħrajn fl-istorja taċ-ċivilta', fosthom anke' l-magħruf Leonardo da Vinċi, din il-karatteristika kienet dik li għamlet u xi minn daqqiet kissret lil Grognet de Vasse.

Lil de Vasse forsi nafuh biss bħala dak li ddisinja u b'perseveranza kbira sawwar il-knisja tal-Mosta. Din kienet waħda biss minn dawk il-ħolmiet li rnexxielu, mhux bla problemi, jagħmilha realta'. Fissazzjoni oħra tiegħu, li mhux darba jew tnejn daħħlitu f'ħafna nkwiet, kienet ċertezza, bla dubju nteressanti, li l-gżejjer Maltin huma l-fdalijiet, jew aħjar il-qċaċet, tal-gżira mgħarrqa u mitika ta' Atlantis. Qatt ma kellu dubju dwar dan! Irriċerka kemm felaħ u kiteb tal-anqas żewġ kotba li fihom, b'abbilta' kbira, fejn anke juri l-għerf kbir u umanistiku li kien iħaddan, spjega kif dan kien filfatt possibbli. F'dawn l-istudji interpreta stejjer mill-mitoloġija, għarrex l-etimoloġija ta' kliem u termini, ta tifsira lill-fdalijiet arkeoloġiċi Maltin fosthom anke l-famużi raddi tar-roti sakemm ġab, kif ngħidu, l-boċċa fejn il-lik. It-tifsila ta' l-argumenti tiegħu, it-tqassim razzjonali fi ħsibijietu, u t-tagħrif enċiklopediku li kellu, jikxfu bniedem li fl-aħħar mill-aħħar kien msawwar mill-Illuminiżmu Franċiż. Wara kollox kien qatta parti minn ħajtu jaħdem bħala inġinier militari fl-armata Franċiża ta' Napuljun. U kienet forsi din l-esperjenża li nisslet fih kilba għal kull forma ta' tagħlim, xenqa li jtejjeb il-pożizzjoni soċjali tiegħu u mħabba lejn l-istil arkitettoniku li twieled direttament mill-Illuminiżmu – stil magħruf bħala Neo-Klassiċiżmu.

George Grognet de Vasse, Belti ta' dixxendenża Franċiża, kien oriġinarjament tħajjar jidħol qassis u anke għamel xi snin jistudja ġewwa s-seminarju ta' Frascati, viċin Ruma. Għalkemm din kienet waħda minn dawk il-ħolmiet tiegħu li ma wettaqx, kienet esperjenza li tagħtu ħafna; barra t-teoloġija u l-filosofija, ġewwa Frascati studja wkoll il-letteratura klassika, il-matematika u saħansitra tnisslet fih imħabba speċjali lejn l-arkeoloġija pre-istorika u klassika. Dan kien filfatt l-għerf u t-tagħlim li fuqu u madwaru Grognet de Vasse sejjes ħafna mill-proġetti li eventwalmet okkupawlu ħajtu u ħolmietu.

Il-kelma ħolma, li mid-definizzjoni tagħha tagħtina x'nifhmu xi ħaġa li hi prinċipalment irrazzjonali, li tinbet fis-subkonxju, għandha ddoqq ħażin fil-kuntest ta' bniedem li ssawwar u nnamra mar-razzjonaliżmu Illuministiku. L-Illuministi Franċiżi, u mhux biss, riedu jibnu dinja ġdida fejn isaltnu l-għerf, t-tagħlim u l-moralita'. Riedu li jfittxu u jemmnu biss il-verita' u fil-proċess joqtlu dak kollu li kien qiegħed inawwar u jifni 'l poplu, bħal tradizzjonijiet antiki u superstizzjużi u t-tagħlimiet reliġjużi li aktar milli jgħallmu kienu maħsubin biex ibeżżgħu. U dan forsi jixgħed punt ieħor fil-kumplessita' ta' Grognet de Vasse. Bniedem li ħajtu bniha fuq ir-razzjonalita' ma kellux għalfejn jintilef wara ħolm fantastiku. U mhux talli hekk, għax biex jikkonvinċi 'l kulħadd u jiġġenera nteress fl-idea tiegħu ta' Malta bħala Atlantis, anke ħoloq relikwa-ġebla b'xi grafitti mnaqqxin fuqha-li, skond hu, sab f'bitha ta' dar ġewwa l-Imdina. Din kellha tispjega darba għal dejjem il-passat mbiegħed tal-gżejjer Maltin bħala parti minn Atlantis. Kif wieħed jista' jimmaġina, kienet daqqa ta' ħarta għal Grognet de Vasse meta l-Akkedemja Franċiża, li tagħha kien ukoll membru, m'aċċettatx din l-iskoperta bħala awtentika.

Lejn l-aħħar ta' ħajtu inħakem minn biża' kbira, li wieħed, għal darba oħra, ma jistax għajr isejjaħ irrazzjonali - dik li jiġi midfun ħaj. Tant iffissa li fit-testment tiegħu spjega kif għandhom jittieħdu prekawżjonijiet biex jiġi aċċertat li dan ma jseħħx. Saħansitra għażel tabib, li ismu niżżel fit-testment anke bħala wieħed mill-eredi, li kellu jieħu ħsieb li d-difna ssir biss wara li l-mewt tkun aċċertata.

Madonkollu, kien dan l-istess ħolm li wasslu biex jiddisinja u jibni l-Knisja-rotunda ta' Santa Marija fil-Mosta. Anke jekk wieħed iqis biss il-massivita' u l-kobor kważi megalomaniku ta' din l-opra arkitettonika, il-karatterstiċi kardinali u paradossali fil-karattru ta' de Vasse jistgħu jinqraw. Bniedem li b'abbilta kbira u b'moħħ luċidu għall-aħħar ħaseb għal kull detall u problema li binja ta' dan id-daqs setgħet ġġib u ġabet



*Disinn ta' Grognet għall-faċċata tal-fontispizju*




*Id-disinn li sar għall-faċċata tal-fontispizju*

magħha, imma li min-naħa l-oħra kienet il-fissazzjoni tiegħu fuq Atlantis li ġiegħelitu jikkonċepixxi knisja ta' kobor enormi li, skond hu, kellha tagħmel ġieh u anke forsi ddaħħal f'moħħ il-poplu l-idea ta' Malta bħala Atlantis. U għalhekk il-knisja tal-Mosta hija xhieda ta' kif dan l-inġinier u arkitett irnexxielu jżewweġ, anke jekk forsi b'ċertu eċċentriċita', il-luċidita' razzjonali mal-fantażiji u l-ħolm romantiku.

Bħala punt ta' riferiment de Vasse żamm il-Panteon, tempju klassiku Ruman iddedikat lill-allat kollha, mibni mill-Imperatur Hadrian fit-tieni seklu qabel Kristu. L-ispirazzjoni mid-dinja klassika wara kollox kienet parti essenzjali mir-razzjonaliżmu li fih kien trawwem. De Vasse ried imur lil hinn mis-sorsi tiegħu. Ried, fost affarijiet oħrajn, lit-tempju tiegħu jkun aktar imponenti u ogħla minn dak Ruman. U hekk għamel! Il-Knisja Mostija hija ftit iċken mill-Panteon bħala diametru iżda kważi sitt metri ogħla. Il-fatt li de Vasse tilef il-perfezzjoni tar-rotunda Rumana, li hi għolja daqskemm hi wiesgħa, jġifieri 43.44 metri, mhux darba jew tnejn ġegħlet lil xi studjużi u arkitetti li jikkritikaw it-tempju Mosti minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni fil-kwotazzjonijiet tiegħu mill-kanoni klassiċi. U għallhekk l-arkitett Malti ġieli tqies bħala wieħed li t-tagħlim tiegħu fil-lingwaġġ arkitettoniku klassiku kien biss wieħed superfiċjali. Iżda dan mhux minnu. De Vasse kien studja sew il-kitbiet dwar l-arkitettura ta' Vitruvius, fost oħrajn, u għallhekk it-tibdiliet fil-qisien li hu għamel kienu għażla tiegħu u mhux nuqqas. Ried li meta wieħed jidħol fit-tempju Mosti iħoss li ħarstu għandha tiġi mtella' 'l fuq u jeżalta ruħu bl-ispazju bla tmiem. U biex jenfasizza din il-ġibda 'l fuq iddisinja kaxxettuni f'għamla ta' djamant li jiċkienu aktar ma jitilgħu 'l fuq. Hekk l-illużjoni ta' kobor enormi tiġi aktar aċċentwata. Ried li t-tempju tiegħu ma jirrepetix il-kalma tal-Panteon iżda jkun wieħed aktar movimentat u dinamiku. U għalhekk it-tempju fih ċertu elementi ta' teatriċita' Barokka li la hi Rumana u wisq anqas neo-Klassika. Imma dwar dan aktar 'il quddiem!

Interessanti hu l-mod ta' kif de Vasse daħħal fid-disinn anke żewġ kampnari mponenti fuq naħa u oħra tal-frontispizju. Wieħed irid jiftakar li l-Panteon dak iż-żmien kellu fil-fatt żewġ kampnari wkoll, li tneħħew għax dawn, għalkemm iddisinjati minn Bernini, ma kinux parti mil-binja oriġinali.

Għalkemm il-knisja hija magħrufa bħala r-rotunda, id-daħla għaliha, jew il-portiku, ifakkarna aktar f'tempju tradizzjonali Grieg jew Ruman. Din id-diskrepanza jew aħjar transizzjoni minn arkitettura maħnuqa b'ħafna kolonnar għal waħda ta' spazju infinit kienet intenzjonata fil-Panteon u de Vasse adottaha kważi eżatt fit-tempju Mosti.



*Disinn ta' antifissi li jalternaw bejn wieħed b'wiċċ ta' anġlu u l-ieħor b'werqa. Disinn ta' Grognet*



*Kif fil-fatt saru l-antifissi*

L-ikbar differenza li hemm bejn iż-żewġ tempji hija fil-mod ta' kostruzzjoni. Il-Panteon hu eżempju importanti ta' kif l-inġiniera Rumani kienu tgħallmu joħolqu spazji enormi bl-użu tal-konkos, jew kif kien magħruf aħjar dak iż-żmien opus caementicium. Mad-daqqa t'għajn it-tempju Ruman jidher li hu binja konvenzjonali, imma dan jidher hekk għax il-konkos hu miksi b'mattuni tat-terracotta. Il-ġenju ta' l-inġiniera Rumani jidher wkoll fil-mod li dawn ħasbu biex inaqqsu ftit mill-piż li koppla bħal tal-Panteon teżerċita fuq it-tanbur. Dawn, flok użaw l-istess taħlita ta' konkos fil-binja kollha, bdew jesperimentaw b'taħlit differenti aktar mal-koppla titla '1 fuq. Hekk, fin-naħa t'isfel nsibu l-użu tat-travertina, li hi ġebla b'saħħitha ħafna iżda tqila, mentri fin-naħa ta' fuq nsibu l-użu tat-tufa li hi ħafna aktar ħafifa.

Minn dan kollu de Vasse m'għamel xejn. L-idea ta' konkrit ma kinitx teżisti fi żmienu, għallhekk sawwar id-disinn b'metodi ħafna aktar konvenzjonali. Wara li esperimenta u fehem sew kemm tiflaħ titgħabba l-ġebla Maltija, għażilha bħala l-materjal ewlieni għat-tempju Mosti. Xtaq li juża materjal ieħor fil-lanterna li tagħlaq il-koppla, u filfatt ddisinja waħda tal-ħadid u l-ħġieġ. Milli jidher, iżda, din ma tantx intgħoġbot u meta l-lanterna nbniet, snin wara l-mewt ta' de Vasse, saret waħda tal-ġebel.

Matul il-proċess tal-bini ma ntuża l-ebda support intern biex iżomm l-istruttura milli tikkrolla 'l ġewwa. għax, għallanqas fit-teorija, il-metodu li uża de Vasse kien wieħed sempliċissimu. Meta t-tanbur enormi kien lest, b'ħitan wiesa u massivi biex jifilħu t-toqol enormi tal-koppla, nbniet l-ewwel ringiela ġebel tal-koppla, li parzjalment isserraħ direttament fuq it-tanbur, u parzjalment tixref 'l barra biex hekk l-koppla tibda tagħlaq bil-mod il-mod. U x-xogħol baqa sejjer hekk! Kull ringiela ġebel tixref ftit aktar minn ta' qabilha sakemm l-istruttura ingħalqet b'tieqa tonda jew oculus fin-nofs. Tempji pre-istoriċi bħal ta' Ħal Tarxien u Ħaġar Qim





*Żewġ abbozzi fil ġebla ta' antifissi li ppropona Grognet li jinstabu fil-kannirja tar-Rotunda*

jidher li kienu parzjalment msaqqfin b'sistema li tixbaħ ħafna 'l dik tal-Mosta. U meta tqis li wħud minn dawn it-tempji, fosthom Ħaġar Qim, ġew skavati fi żmien de Vasse, wieħed lanqas jista jeskludi l-possibilita' li dawn setgħu tawh xi idea.

Ix-xogħol fuq it-tempju Mosti dam sejjer mit-8 ta' Mejju 1833 sas-16 ta' Frar 1860, meta l-Knisja l-antika, li madwarha kienet inbniet il-ġdida, twaqqgħat. Sebgħa u għoxrin sena ta' ħidma sfieqa li fiha l-Mostin ingħaqdu u kollha, kif setgħu, taw sehemhom. Il-viżjoni ta' Grognet de Vasse hekk saret realta'; jew kważi! għax l-istil neo-Klassiku kien fl-aħħar mill-aħħar stil aljen għall-Maltin mdorrjin, minn ġuf ommhom, fil-Barokk. Sorsi jgħidulna li mhux darba jew tnejn de Vasse kellu xi jgħid mal-bennejja, jew mal-kapumastru Anġelo Gatt, li kważi bla ma jridu, 'l hemm u 'l hawn, bdew idaħħlu xi elementi u dekorazzjonijiet Barokki li fihom kienu trabbew u trawmu. Wara kollox jibqa' stramb il-fatt kif il-Mostin aċċettaw daqshekk malajr disinn u stil li essenzjalment ma kinux komuni għal dawn il-gżejjer. L-istil neo-Klassiku kien l-istil mħaddan mill-ħakkiema Ingliżi u, għalkemm dawn ppruvaw jimponuh - bhal fl-Isptar Bighi fil-bokka tal-port - dan xorta qatt ma niżel tajjeb mal-Maltin. Nissuspetta li kienet il-viżjoni ta' kobor enormi li nstigat 'l Mostin jemmnu b'fiduċja għamja f'dan il-proġett. U forsi anke xenqa li jingħaqdu għalenija u juru 'l ħakkiema Ingliżi kif, bihom u mingħajrhom, għandhom kapaċità kbira. Min-naħa l-oħra t-tempju Mosti, bl-elementi kollha neo-Klassiċi li ċertament fih, xorta jtaffi ħafna mill-għatx għad-dekorazzjoni u t-teatriċita' Barokka li hemm tiġri f'demm il-Maltin. Ir-rotunda, għallinqas kif żviluppat eventwalment, hija binja essenzjalment neo-Klassika iżda mlibbsa libsa Barokka. L-element dekorattiv huwa wieħed qawwi u xi kultant itellef mis-saħħa tad-disinn oriġinali. Il-lavur fastuż xi mindaqqiet esaġerat, iż-żebgħa, il-pitturi u l-induratura jagħtu lit-tempju Mosti karattru purament lokali. U hekk din l-istruttura maestuża mimlija b'ideat moderni u strambi għal Malta ta' nofs is-seklu dsatax, tassorbi ruħha, bla ebda problemi, fit-topografija u l-pajsaġġ tipiku Malti.

Matul dan l-artiklu ġieli rreferejt għall-Knisja Mostija bħala t-tempju ta' George Grognet de Vasse. U dan filfatt hu minnu mhux biss għax de Vasse kien dak li ddisinjaha u sawwarha, iżda għax hija, fost affarijiet oħrajn, xhud u memorja għall-karattru ħalliem tiegħu. Kif jixraq de Vasse, li miet ftit wara li l-bini tlesta, jinsab midfun f'din il-knisja. U hekk il-Knisja ta' Santa Marija fil-Mosta, barra li hija xhieda tat-twemmin Kristjan fost il-Maltin, tieħu wkoll is-sura ta' monument jew mausoleum f'ġieħ il-memorja ta' Grognet de Vasse.

*Riferenzi*

Joe Azzopardi, Domes, the Celestial Halls of Malta, Viġilio, Din l-Art Helwa, Ottubru 2005
Raymond Cauchi, The Mosta Rotunda, Malta 1976
Francis Galea, Malta Fdal Atlantis, Malta 2002
Giorgio Grognet, Compendio, ossia Epilogo Anticipato di una Opera estesa sulla precisa situazione della famosa sommersa Isola Atlantide, Malta 1854
Giorgio Grognet de Vasse, Su di un idoletto Atlantico, Malta 1842
Martin Henig (ed.), A Handbook of Roman Art, Phaidon Press 1983
Hugh Honour, Neo-Classicism, style and civilization, Penguin Books 1968
Leonard Mahoney, 5000 years of Architecture in Malta, Malta 1996
Rev. Edgar W Salamone, Musta, its Memories and Charms, Malta 1911
Tony Terribile, Teżori fil-gżejjer Maltin, il-Għargħur, il-Mosta, in-Naxxar, publikazzjonijiet pin, Malta 2005
Jo Tonna, L-Arkitettura f'Malta, pin publications, Malta 2004
L'Arte, (Periodical) 7 ta' Jannar 1863, Numru 4 Sena 1